

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 24/2008

ta' l-14 ta' Marzu 2008

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE 8/2008 ta' l-1 ta' Frar 2008 ⁽¹⁾.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/565/KE ta' l-14 ta' Awissu 2007 dwar in-nuqqas ta' inklużjoni fl-Anness I, IA jew IB tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 98/8/KE dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali ta' ċerti sustanzi biex jiġu eżaminati skond il-programm ta' ħidma ta' 10 snin imsemmi fl-Artikolu 16(2) tiegħu ⁽²⁾ għandha tkun inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jidħol wara l-punt 12za (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/639/KE) tal-Kapitolu XV ta' l-Anness II mal-Ftehim:

"12zb. **32007 D 0565**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-14 ta' Awissu 2007 dwar in-nuqqas ta' inklużjoni fl-Anness I, IA jew IB tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 98/8/KE dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali ta' ċerti sustanzi biex jiġu eżaminati skond il-programm ta' ħidma ta' 10 snin imsemmi fl-Artikolu 16(2) tiegħu (ĠU L 216, 21.8.2007, p. 17)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni 2007/565/KE fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-15 ta' Marzu 2008, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

⁽¹⁾ ĠU L 154, 12.6.2008, p. 15.

⁽²⁾ ĠU L 216, 21.8.2007, p. 17.

(*) L-ebda obbligi kostituzzjonali m'huma indikati.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 14 ta' Marzu 2008.

Għall-Kumitat Konġunt ŻEE

Il-President

Alan SEATTER
